MEJJU 2013 IT-33 SENA GĦADD 330

NEWSPAPER POST – ISSN 1811-5373

# DAWL FRANĠISKAN

leħen il-kapuċċini maltin



F'DIN IL-ĦARĠA

**IL-PARABBOLI FL-EVANĠELJI**

**IL-MADONNA FIL-POEŻIJA MALTIJA**

**KNISJA ŻAGĦŻUGĦA F'MIXJA TA' FIDI**

# WERREJ



8



13



18



24



28


3 **"Alla veru u Alla ħaj"**
Editorjal

4 **Bibbja**
minn Patri Donat Spiteri OFMCap

7 **Storja tal-Kapuċċini**
minn Winston L. Zammit B.A.(Hons) P.G.E.C., M.A.

8 **Il-Papiet li Niftakar (I)**
minn Emily Barbaro-Sant

10 **Rescue Centre**
minn Mons. Emanuel Barbara, Isqof Ta' Malindi

11 **Poeżija**
minn Patri Wistin Attard OFMCap

12 **ĠiFra**
minn Marija Spiteri

13 **Tfal Ġenji (2)**
minn Tony C. Cutajar

14 **Franġiskaniżmu**
minn Patri Ivan Scicluna OFMCap

17 **Evanġelizzazzjoni**
minn Patri Mario Attard OFM Cap

18 **Il-Monument ta' Sant'Anton Abbati**
minn Joseph C. Camilleri

20 **Il-Madonna fil-Poeżija Maltija**
minn Patrick J. Sammut

24 **Missjoni**
minn Mons. Joseph Alessandro OFMCap,
Isqof Koadjutur Ta' Garissa

28 **Sena tal-Fidi**
minn Patri Mario Attard OFM Cap

30 **Kompetizzjonijiet**
minn Patri Wistin Attard OFMCap

31 **Novella**
minn John Caruana




*Qoxra:*
***Il-Madonna b'Ġesù u l-kuruna tar-rużarju – pittura fuq it-tila ta' Bartolome Esteban Murillo (1650), tinsab f'Palazzo Pitti – Firenze, Italja.***


**BORD EDITORJALI**

Editur
**LEONARD FALZON OFMCap**

Amministratur
**CRISPIN TABONE OFMCap**

Distributur
**DORIAN HOLLAND OFS**

Membri
**FRANO FENECH OFMCap**
**IVAN SCICLUNA OFMCap**
**MARTIN MICALLEF OFMCap**



DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI
**KUNVENT TAL-KAPUĊĊINI, FLORIANA - FRN1211**
**TEL: 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949**
**E-MAIL: lpf1939@gmail.com**

ISSN 1811-5373

DISINN U LAYOUT
**ROBERT TABONE**
**MOB: 9947 3763**

MITBUGĦ
**PRINTIT**
**TEL: 2189 4446/7**


*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*


**© Dawl Franġiskan 2013**
**Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini**



**DAWL FRANĠISKAN**
*leħen il-kapuċċini maltin*

**Ħlas ta'l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**

*Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:*
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN121**



# "ALLA VERU U ALLA ĦAJ"

Għadna kemm iċċelebrajna bil-kbir bħala Knisja, il-Qawmien ta' Ġesù Kristu għall-ħajja. L-Istorja tippreżentalna qabar vojt. Din il-biċċa tal-qabar vojt għal uħud tfisser li l-ġisem mejjet ta' Ġesù nsteraq. Almenu l-fariżej hekk paspru. U ta' din it-tpaspira xaħħmu b'kemxa flus ġmielha li tefgħu fil-bwiet tal-għases tal-qabar. Minn naħa l-oħra għal nies bħal Ġwanni, Pietru u oħrajn, li emmnu fil-kelma ta' Ġesù, il-qabar vojt fisser li l-Imgħallem tassew qam minn bejn l-imwiet biex ma jmutx aktar.

Fl-Evanġelju skont San Luqa, in-nisa marru ħdejn il-qabar biex jidilku l-ġisem mejjet ta' Ġesù. Għalkemm l-att tagħhom hu ta' min ifaħħru madankollu kienu għadhom ma fehmux li Ġesù kellu jqum minn bejn l-imwiet. Int u jien jista' jiġrilna l-istess storja. Il-Mulej Ġesù f'ħajjitna jista' jkun li għadu mejjet. Ir raġunijiet jistgħu jkunu diversi. Forsi l-mod ta' ħajja li qiegħdin ngħixu jmur direttament kontra dak li jipproponilna Ġesù. Jekk dan hu l-każ, Ġesù jista' jkun għadu biss għalina bniedem interessanti, għaref u, forsi wkoll, eroj mill-kbar. Iżda xorta jibqa' mfakkar f'moħħna bħala bniedem kbir tal-istorja. U daqshekk!

Biex Ġesù jitnaqqax f'qalbna hemm bżonn li nagħrfuh bħala s-Sid tal-istorja ta' ħajjitna. Dak is-Sid li, għax ħajjitna hi tiegħu, meta jidhirlu hu jaqlibha ta' taħt fuq. U jaqlibha bis-sorpriżi li jwettaq fiha u biha. L-akbar waħda minnhom hija li minn nies bla fidi jġibna nies li nemmnu fih!

Hija ovvja li bħala bnedmin l-ewwel reazzjoni tagħna tkun li nirreżistulu. Fl-omelija tiegħu fis-Sahra tal-Lejl, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku qal: ***"Bħall-Appostli fl-Evanġelju aħna spiss nippreferu niggranfaw mas-sigurtà tagħna, li noqogħdu quddiem il-qabar, li naħsbu dwar dak li miet. Li nitħassbu dwar xi ħadd li jgħix biss fil-memorja daqs l-aqwa figuri tal-imgħoddi. Nibżgħu mis-sorpriżi ta' Alla"***.

Issa l-biċċa hi li Alla ma jieqafx jissorpredina. Papa Franġisku jissokta: ***"Hu (Alla) dejjem jissorprendina! Il-Mulej hekk hu"***. Imma fejn se niltaqgħu miegħu? Skont il-Papa biex iseħħilna niltaqgħu ma' Kristu Rxoxt irridu nafdaw fih. B'hekk biss nistgħu inħalluh jidħol f'qalbna, nilqgħuh b'ħabib u jkollna ħajtu. Meta ma nafdawx fih jiġrilna li l-problemi tal-ħajja tant jagħlquna fina nfusna f'turrun ta' dwejjaq u morr li mewta ta' din ix-xorta ġġorna magħha.

Il-Papa Franġisku jħeġġiġna: ***"Jekk s'issa żammejtuh 'il bogħod, agħtu pass 'il quddiem. Huwa se jilqagħkom b'idejh miftuħa. Jekk kontu ndifferenti ħudu riskju. M'intomx se tkunu ddiżappuntati. Jekk f'li timxu warajh tidher diffiċli la tibżgħux. Afdawh. Kunu kunfidenti li huwa magħgħud magħkom. Huwa magħkom u se jagħtikom il-paċi li intom qiegħdin tfittxu u l-qawwa li tgħixu bħalma hu jixtieqkom"***.

Bin-nuqqas ta' fiduċja tiegħi fih lil Alla tiegħi nispiċċa noqtlu. Iżda l-mument li nibda nittama fih nerġa' nqajjmu mill-ġdid. Nerġa' nagħmlu dak li suppost dejjem kien f'ħajti: Alla veru u Alla ħaj! ■



# IL-PARABBOLI FL-EVANĠELJI



*Pantokrator – li jfisser "Ġesù Mgħallem".*

**Il-parabboli naqrawhom fl-ewwel tliet Evanġelji. Imma l-istess parabboli ma nsibuhomx fl-istess post jew fl-istess ċirkostanza fit-tlieta. Dan jgħodd ukoll għal materjal ieħor tal-Evanġelji, bħall-kliem ta' Ġesù (ara Mt 6:9-13 u Lq 11:2-4). *"Dak li Ġesù għamel u għallem"* qabel ma nkiteb fl-Evanġelji, għadda mill-fażi tal-predikazzjoni tal-Knisja; imbagħad l-awturi tal-Evanġelji ħadu dak li għoġobhom mill-kontenut ta' din il-predikazzjoni u niżżluh fil-kotba bl-ordni li fehmu huma skond l-iskop tagħhom.**

Hekk għamlu wkoll mill-parabboli. Lil xi wħud minnhom ġabruhom fi gruppi bejn wieħed u ieħor tal-istess suġġett, hekk għamel San Mark bil-ġabra ċkejkna ta' tliet parabboli taż-żrieragħ fil kapitlu 4; San Mattew bis seba' parabboli tas-Saltna fil- kapitlu 13 u bis-seba' parabboli tal-parousia f'Mt 24:32-25, 46; San Luqa bit-tliet parabboli tal-ħniena fil-kapitlu 15, bil-parabboli tal-pranzu fil-kapitlu 14 u bil-parabboli tat-talb fil-kapitlu 18.

Barra minn hekk kull wieħed mill-Evanġelisti ta lill-parabboli li kiteb il-kulur u l-karattru tal-iskop tal-Evanġelju tiegħu. Kull wieħed għażel il-parabboli li kienu aktar jaqblu mal-intenzjoni tiegħu u l-parabboli li għażel tahom ukoll tifsiriet skond l-iskop tal-kitba tiegħu u addattahom għaċ-ċirkostanzi tiegħu.

Ara d-differenzi bejn Mattew u Luqa fil-parabboli: tal-qaddej il-ħdil u l-qaddej il-ħażin (Mt 24:45-51 u Lq 12:41-48), tan-nagħġa l-mitlufa (Mt 18:12-13 u Lq 15:4-6), tal-festa tat-tieġ jew tal-pranzu (Mt 21:1-14 u Lq 1: 15-24), tat-talenti jew tal-għaxar miniet (Mt 25:14-20 u Lq 19:11-27).

Mhux ħaġa ħafifa ngħidu kemm hemm parabboli fit-tliet Evanġelji. Fuq in-numru tagħhom mhux kulħadd jaqbel. Dan ġej mill-fatt ta' kif wieħed iħares lejn il-parabbola, jekk hux fis-sens strett ta' storja sħiħa bħala paragun jew fis-sens wiesa' ta' daqsxejn ta' tixbiha. Fl-ewwel każ insibu biss xi 30 parabbola. Jekk inħarsu lejn il-parabbola f'sens aktar ġenerali, ngħoddu magħhom ħafna eżempji jew tixbihat oħra li għandhom ix xejra ta' parabboli. F'dan l aħħar sens

San Mark Evanġelista



San Ġwann Evanġelista



nistgħu ngħoddu mal-parabboli: l-eżempju tad-dar mibnija fuq il-blat u d-dar mibnija fuq ir-ramel (Mt 7:24-27; Lq 6:47-49), ir-roqgħa bi drapp ġdid fuq mantar qadim u l-inbid ġdid f'damiġġani qodma (Mt 9:16-17; Mk 2, 21-22; Lq 5:36-38), il-ħalliel li jiġi bil-lejl (Mt 25:43; Lq 12:39), il-qaddej il-fidil u l-qaddej il-ħażin (Mt 24:45-51; Lq 12:41-48), il-purtinar għassa mal-bieb (Mk 13:34-37), is-siġra tat-tin (Mt 24:32-33; Mk 13:28-31; Lq 21:29-33), u eżempji oħra wkoll. Ninnutaw li f'dan l-aħħar każ tas-siġra tat-tin it-tliet Evanġelisti jsejħulu "parabbola".

## IL-PARABBOLI TA' SAN MARK

Nistgħu ngħidu li l-Evanġelju ta' San Mark fih sitt parabboli: taż-żerriegħa (4:3-9), taż-żerriegħa li tinbet waħidha (4:26-29), taż-żerriegħa tal-mustarda (4:30-32), tal-għalqa u l-bdiewa (12:1-11), tas-siġra tat-tin (13:28-32) u tal-għassies mal-bieb (13:34-37). Erbgħa minn dawn il-parabboli qegħdin ukoll fl-Evanġelji ta' San Mattew u ta' San Luqa, minbarra dawk taż-żerriegħa li tinbet weħidha u tal-għassies mal-bieb; dawn it-tnejn biss huma ta' San Mark waħdu.

Mbagħad f'San Mark insibu numru ta' 'sentenzi parabboliċi' jew tagħlim ta' Ġesù b'tixbihat żgħar: il-hbieb tal-għarus (2:19-20), id-drapp imraqqa' u l-inbid fid-damiġġani (2:21-22), is-setgħa ta' Ġesù u s-setgħa ta' Begħelżebul - Żewġ eżempji msejħin "parabboli" (3:23-29). Hekk ukoll San Mark sejjaħ "parabbola" l-kliem ta' Ġesù fuq it-tradizzjonijiet tal-antenati tal-Lhud (7:1-25; vers 17). Iż-żewġ eżempji tal-musbieħ u tal-kejl huma wkoll parabboli oħra żgħar fl-Evanġelju ta' San Mark (4:21-25).

L-eżempji tal-parabboli ta' San Mark huma meħudin mill-ħajja tal-biedja u tal-familja. Marku għandu biss parabbola waħda ta' tip drammatiku, li fiha jidħlu diversi karattri - il-parabbola tal-għalqa u l-bdiewa (12:1-11). Din il-parabbola taqbel ħafna mal-linja tal-ħsieb ewlieni ta' San Mark fl-Evanġelju kollu tiegħu: il-fatt li Ġesù, għalkemm ġibded għal warajh il-kotra tal-Lhud ta' żmienu, ma ġiex milqugħ mill-kbarat u l-kapijiet tagħhom.

Imma wkoll f'parabboli oħra, kbar jew żgħar, jidher dan il-ħsieb. Il-frott tal-kelma ta' Ġesù jiddependi mill-koperazzjoni tas-semmiegħa (il-parabboli taż-żrieragħ).

Billi l-awtoritajiet reliġjużi ma weġbux tajjeb, il-kelma ta' Ġesù ma ħadmitx fihom. Dan kien "il-falliment ta' Ġesù " skond San Mark. L-Evanġelista kkonferma dan il-fatt bl-istorja tal-konflitt ta' Ġesù mal-kittieba ta' Ġerusalemm, li hi wkoll "il-parabbola ta' Begħelżebul" (Mk 3, 22-30).

Għalhekk San Mark kien aktar drastiku fil kwistjoni tal-iskop tal-parabboli ta' Ġesù. Lil dawk "li huma barra" il-parabboli flok jiftħulhom għajnehom biex jifhmu l-misteru tas-Saltna ta' Alla, jagħlquhomlhom, ***"ħalli***

*Dehra tal-festa fil-parabbola tar-"Raġel Għani".*



***jħarsu kemm iħarsu ma jarawx, u jisimgħu kemm jisimgħu ma jifhmux, li ma jbiddlux ħajjithom u jaqilgħu l-maħfra"*** (Mk 4:11-12).

Fil-ħsieb ta' San Mark il-missjoni ta' Ġesù mal-poplu tiegħu ntemmet b'falliment. Bil-kliem ta' Ġesù fuq l-effett ħażin tal-predikazzjoni tiegħu San Mark fisser ir-riżultat negattiv tal-missjoni tieghu fost il-poplu tiegħu.

## IL-"PARABBOLI" TA' SAN ĠWANN

Fl-Evanġelju ta' San Ġwann ma ssibx parabboli; lanqas biss il-kelma *parabolè*. Flok din il-kelma San Ġwann għandu paroimia, li tfisser "proverbju", imma fl-istess sens tal-kelma Lhudija maxâl (ara Prov 1:1; 25, 1; Sir 6:35) u wkoll tal-kelma *parabolè* tas-Sinottiċi.

F'dan is-sens il-kelma *paroimía* nsibuha tliet darbiet fl-Evanġelju ta' San Ġwann: 10:6 u 16, 25, 29. F'dawn il-każijiet il-kelma tirriferixxi għall-kliem ta' Ġesù, li hu fih innifsu oskur u għalhekk irid ikun imfisser u ċċarat biex wieħed jifhmu. Kif Ġesù tas-Sinottiċi kien jitkellem bil-parabboli (*en parabolais*); u kif id-diskors bil-parabboli kien jeħtieġ it-tifsir skond l-intenzjoni ta' Ġesù (Mk 4:33-34), hekk ukoll il-kliem ta' Ġesù bil-"proverbji" ried jitfisser biex id-dixxipli setgħu jifhmuh (Ġw 10:6; 16:25).

Fi Ġw 10:6 il-kelma *paroimìa* ("parabbola", "proverbju") tirriferixxi għall-kliem ta' Ġesù fuq in-nagħag tiegħu (10:1-5) u, nistgħu ngħidu, tirriferixxi wkoll għall-kliem tiegħu li jkompli fuqu nnifsu bħala r-Ragħaj it-tajjeb.

Mill-aspett letterarju din insejħulha allegorija, li hi dik il-forma retorika li fiha kull element tagħha għandu t-tifsir tiegħu, u l-partijiet kollha flimkien bit-tifsir tagħhom jagħmlu ħaġa waħda u jwasslu messaġġ wieħed. L-allegorija hi differenti mill-parabbola, għalkemm xi elementi partikolari tal-parabbola jista' jkollhom sens allegoriku (ara Mk 4:13-20; Mt 13:36-43).

Allegorija oħra sabiħa fl-Evanġelju ta' San Ġwann hi dik tad-dielja u l-friegħi (Ġw 15:1-10). Kull element tagħha għandu s-sens għoli tiegħu, u lkoll flimkien juru l-ħtieġa tal-għaqda tagħna ma' Ġesù Kristu. Hi eżempju ħaj li jfehemna dak li jfisser Ġesù għalina: hu għalina dak li d-dielja hi għall-friegħi tagħha - il-għajn tal-ħajja. ■

WINSTON L. ZAMMIT B.A.(HONS) P.G.E.C., M.A.



# PATRI PELAĠJU

## MISSJUNARJU KAPUĊĊIN TAS-SEKLU XIX



**Fost il-Kapuċċini Maltin li wettqu l-ministeru pastorali mal-Maltin imxerrdin mal-Mediterran fis-seklu XIX, insibu lill-Patri Pelaġju.**

Għal għoxrin sena Patri Pelaġju wettaq il-ministeru pastorali, fil-gżejjer Ioniċi ta' Cefalonia, Sta Mawra u gżira oħra fejn kellu l-karigi ta' Prefett Appostoliku u Vigarju Foranew. Fl-istess żmien kien ukoll kappillan tas-suldati Ingliżi fl-istess gżejjer [1]. Hawnhekk ta min ifakkar li bejn l-1815–1863, il-Gżejjer Joniċi kienu f'idejn l-Ingliżi, u dan kien wieħed mill-fattur li ħajjar lill-Maltin biex jissetiljaw hemmhekk. Fl-1842 kien hemm madwar 1,000 Malti f'dawn il-gżejjer [2].

Patri Pelaġju kien joqgħod fil-gżira ta' Cefalonja fejn ta' kull nhar ta' Ħadd kien jipprietka bil-Malti, fl-Ingliż u bit-Taljan. F'Argostogli, il-Belt prinċipali ta' Cefalonja, biex jaqdi n-numru li kien qed jiżdied ta' Kattoliċi, bena knisja kbira u ħdejha bena wkoll dar, li kellha sservi bħala residenza tal-patrijiet missjunarji u bħala orfanatrofju għal bniet u s-subien. Patri Pelaġju ħaseb f'dan l-orfanatrofju sa mill-bidu tal-wasla tiegħu f'din il-Missjoni, billi f'dawn l-inħawi kien hemm numru kbir ta' tfal abbandunati.

Bis-saħħa t'hekk ta' kenn lil madwar 60 u 70 orfni, bejn subien u bniet. Uħud minn dawn is-subien meta kibru, saru saċerdoti. Lill-bniet kien jassenjalhom dota ta' madwar 60 taller, kull waħda, somma li kien jiddepożita fil-"Banco Ionio". Patri Pelaġju kien jirnexxilu jagħtihom din id-dota fil-parti l-kbira mill-flus li kien jirċievi mill-Kummissarjat Ingliż għas-servizzi li kien jagħti lill-Militar. [3]

Misjur bix-xogħol Patri Pelaġju ġie lura Malta fejn kompla jwettaq il-ministeru pastorali. Fil-fatt b'effett mill-1 t'Awwissu 1863 ġie maħtur kappillan tal-Isptar Santu Spirtu tar-Rabat, kariga li huwa żamm sa kemm irrizenja fil-5 t'Awwissu 1865. [4] Huwa miet fl-4 ta' Diċembru 1871 [5].

Referenzi


1. Corriere Mercantile Maltese 9-xii-1871 p. 2
2. C.A. Price, Malta and the Maltese. A study in nineteeenth century migration. (1954) p. 60
3. Corriere Mercantile Maltese 9-xii-1871 p. 2
4. A(rkivju) N(azzjonali) M(alta) CSG/01/Borton Vol 91 No. 13574 Malta Government Gazzette 14-viii-1863, 29-ix-1865 p. 293
5. Corriere Mercantile Maltese 9-xii-1871 p. 2



# *IL-PAPIET LI NIFTAKAR (I)*




Min għex mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn, jiftakar numru ta' Papiet li okkupaw is-siġġu ta' San Pietru fil-Vatikan biex minn hemm, huma jmexxu l-miljuni ta' Kattoliċi madwar id-dinja u jkunu ta' eżempju għalihom.



## PAPA PIJU XII

L-ewwel Papa li jaqa' f'dan il-perijodu kien Eugenio Pacelli, Ruman, iben familja nobbli li wara karriera diplomatika fil-Vatikan u barra, kien elett fit-2 ta' Marzu 1939, skont kif jgħidu, b'maġġoranza assoluta minn fost il-Kardinali li attendew għall Konklavi wara l mewt tal Papa Piju XI. Twil u

ta' statura sabiħa, Eugenio Pacelli kien meqjus fost sħabu bħala intelliġenti, serju u studjuż. Ħa l-isem ta' Piju XII u meta mistoqsi jekk jaċċettax, wieġeb: ***"Naċċettah bħala salib"***. Ir-risposta tiegħu kienet profetika għax kif tixhed l-istorja, il-papat tiegħu kien imqalleb minħabba ż-żmien diffiċli tat-Tieni Gwerra Dinjija u dak li ħalliet warajha. L-għedewwa tiegħu kienu tal-fehma li ma għenx biżżejjed lil-Lhud, iżda fl-Arkivji Sigrieti tal-Vatikan, dan l-aħħar tfaċċaw dokumenti fejn jgħidu li Piju XII għen lil ħafna eluf ta' Lhud. Kien iħossu kburi li l-kelma "paċi" hija parti minn kunjomu u kien iħobb jgħid: ***"Xejn ma jintilef meta jkun hemm il-paċi"***. Piju XII miet fid-9 ta' Ottubru 1958, f'Castel Gandolfo.

## PAPA ĠWANNI XXIII



Warajh, il-Kulleġġ tal-Kardinali għażel lil Angelo Giuseppe Roncalli, fit-28 ta' Ottubru 1958 bħala l-Papa suċċessur. Ħafna kienu dawk li ħasbu li se jkun caretaker minħabba l-età avanzata tiegħu ta' 77 sena. Ħa l-isem ta' Papa Gwanni XXIII u kien maħbub minn kulħadd. Kien qsajjar u oħxon, iżda dejjem bi tbissima fuq fommu. Tant li kien imsejjaħ Il Papa buono. Ħalla warajh karriera diplomatika twila. Kellu simpatija kbira lejn il-klassi tal-ħaddiema u ħadem favur ir-riformi soċjali, għen lill-pajjiżi mhux żviluppati, lill-foqra, lill-orfni u lill-emarġinati. Fi żmienu sar tibdil kbir fil-Knisja; kabbar kważi bid-doppju l-Kulleġġ tal-Kardinali u fl-1962 sejjaħ il-Konċilju Vatikan it-Tieni. Dakinhar, fil-Pjazza tal-Vatikan kien hemm madwar kwart ta' miljun ruħ li ħafna minnhom żammew f'idejhom xema mixgħula. Anki l-qamar kien jiddi u l-Papa, fid-diskors tiegħu, għamel referenza għalih. Dakinhar, fi tmiem id-diskors tiegħu, Papa Ġanni talab lill-ġenituri biex meta jmorru lura d-dar, jagħtu tgħannieqa lil uliedhom u jgħidulhom li dik it-tgħannieqa baghtielhom il-Papa. Fi ktieb li qrajt dwaru żmien ilu, kien hemm miktub li qabel imur jorqod, Papa Ġanni kien imur fil-kappella privata tiegħu u lil Ġesù jgħidlu: ***"Mulej, għaddiet ġurnata oħra. Fiha, jiena ħdimt u għamilt dak kollu li stajt. Dak li ma lħaqtx għamilt, komplih inti"***. Ma laħaqx it-tieni sessjoni tal-Konċilju Vatikan it-Tieni għax miet fit-3 ta' Ġnju 1963. Kwotazzjoni tiegħu kienet: ***"L-Evanġelju ma jitbiddilx; huwa aħna li qed nitgħallmu nifhmuh aħjar"***.

## PAPA PAWLU VI



Giovanni Battista Montini ġie maħtur Papa bl-isem ta' Pawlu VI, fil-21 ta' Ġnju 1963. Huwa kompla l-Konċilju Vatikan II. Appunta kummissjonijiet biex iwettqu riformi fil-Knisja, inkluża l-Quddiesa, mużika sagra u l-Liġi Kanonika. Żamm pożizzjoni soda fuq il-kontroll tat-twelid u ċ-ċelibat tal-kleru. Ħadem bis-sħiħ fuq l-Ekumeniżmu u kien l-ewwel Papa li siefer għal pajjiżi mbiegħda. Naqqas minn ċertu pompa li kien imdawwar biha l-Papa u wasal biex biegħ it-tjara li ġiet mogħtija lilu meta laħaq Papa għall-benefiċċju tal-foqra. Kien spiss jgħid li min jiġi mogħti kollox fil-ħajja, isir għażżien, egoist u insensittiv għall-valuri li jagħmlu lill-bniedem. Fl-aħħar sena ta' ħajtu, kien hemm il-ħtif u l-qtil tal-ħabib antik tiegħu Aldo Moro (09.05.1978) mill-Brigata Rossa – ġrajja li nikktitu ħafna, fil-fatt l-aħħar dehra pubblika tal-Papa, kienet fil-funeral ta' Moro. Papa Pawlu VI miet f'Castel Gandolfo fis-6 t'Awwissu 1978. Kien iħobb itenni: ***"Jekk trid il-paċi, aħdem biex issir ġustizzja"***.

## PAPA GWANNI PAWLU I



Papat qasir ħafna, kien dak ta' 33 jum. Albino Luciani ġie elett Papa fis-26 ta' Awwissu 1978 u ħa l-isem ta' Ġanni Pawlu biex b'hekk, għaqqad iż-żewġ papiet ta' qablu. F'dan il-ftit żmien, ma laħaqx għamel wisq riformi. Kien hemm min ikkritikah għax id-diskorsi tiegħu kienu sempliċi wisq. Iżda fil-perijodu qasir li dam fuq is-Sede ta' Pietru, Papa Ġanni Pawlu ġibed ħafna nies lejh kemm minħabba s-sempliċità tiegħu kif ukoll it-tbissima li kienet dejjem fuq fommu. Kien imlaqqam Il Papa del sorriso – il-Papa tat-tbissima. L-ewwel kliem tiegħu hekk kif ġie mħabbar u tfaċċa fil-gallarija, kienu: ***"Ilbieraħ filgħodu mort nivvota bil-kwiet fil-Kappella Sistina u qatt ma ħsibt x'se jiġri"***. Kliem li għalih, il-folla kbira miġbura fi Pjazza San Pietru nfexxet tgħajjat u ċċapċap. Huwa nstab mejjet fl-appartament tiegħu fil-Vatikan, fl-għodwa tat 28 ta' Settembru 1978. Kien hemm ħafna spekulazzjonijiet dwar il-mewt tiegħu. Saħansitra kien hemm min qal li ġie vvelenat. Jaf biss x'ġara, il-Mulej! ■



# RESCUE CENTRE

## APPELL TA' MONS. EMANUEL BARBARA, ISQOF TA' MALINDI, GĦAL TWAQQIF TA' ĊENTRU

# GĦAT-TFAL ABBUŻATI U OMMIJIET TAĦT L-ETÀ

L-Isqof Emanuel Barbara beda l-ħidma Episkopali tiegħu, fid-Djoċesi ta' Malindi, fuq il-passi tal-predeċessur tiegħu, Mons. Francis Baldacchino. Inqas minn sentejn mindu l-Isqof Barbara ħa din ir-risponsabbiltà dritt iffinalizza proġett tal-għola fejda għall-foqra u l-imwarrba f'Malindi. Din il-kundizzjoni serja hija frott tal-miżerja u l-kwalità ta' ħajja li għadd ta' tfal qegħdin isibu ruħhom vittmi ta' abbużi ta' kull xorta u agħar minn hekk, bla ebda protezzjoni. Il-problema tal-abbużi firxet id-dwiefer tagħha fuq għadd numeruż tat-tfajliet li wara li jkunu abbużati, isibu ruħhom għal riħhom.

Quddiem sitwazzjoni daqstant doloruża, il-Knisja f'Malindi, fil-persuna tal-Isqof, Mons. Emanuel Barbara u l-kollaboraturi tiegħu, qed joffri għajnuna ta' fejda għall-persuni milquta u b'risq il-futur tal-pajjiż stess. Din l-għajnuna se tkun permezz ta' struttura (bini) flimkien ma' personal ippreparat li jikkura l-milquta u jrażżan l-abbużi minn fuq il-persuni nnoċenti u bla protezzjoni.

Dan il-proġett hu kkalkolat li se jkun jiswa €352,000. Id-Direzzjoni ta' DAWL FRANĠISKAN flimkien mas-SEGRETARJAT TAL-MISSJONI jistiednu lill-qarrejja ta' din ir-rivista u lill-ammiraturi tal-Missjoni biex jissieħbu f'dan il-proġett ta' solidarjetà b'offerta ġeneruża b'risq ħutna fil-bżonn u f'tant periklu. Kull offerta għandha tintbagħat lis-:

**Segretarju Missjoni**
**Kunvent tal-Kapuċċini**
**Furjana FRN 1211**

Kull offerta tkun apprezzata. Tintbagħat riċevuta għal kull offerta li ssir.

*"Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt 25:40).*

Il-Mulej jagħtina s-sliem. ■

*Dehra tal-proġett RESCUE CENTRE f'Malindi (Artist impression) b'risq it-tfal abbużati u ommijiet taħt l-età.*





# MA, LA NIKBEŔ

*Ma, la nikber, jekk nikber, nixtieqni*
*Nibda ntir bħall-ħamiem taċ-ċurkett.*
*Nagħmel ġwienaħ tal-karti tat-tajra;*
*Nitla' ħdejn l-ajruplan hemm fuq nett.*

*Ma, la nikber, jekk nikber, nixtieqni*
*Nagħmel kaxxa u ninżel marbut*
*F'qiegħ il-baħar u noqgħod hemm waħdi*
*Niġri w nilgħab u naqbeż mal-ħut.*

*Ma,'La nikber, jekk nikber, nixtieqni*
*Immur nilgħab bil-kwiekeb għax-xemx*
*Bħalma nilgħab bil-boċċi ma' sħabi.*
*Ma, tgħid hemm ma' min nilgħab jew m'hemmx?*

*Ma, la nikber, jekk nikber, nixtieqni*
*Immur nara fejn hu l-papà*
*Ħalli ngħid lil Ġesù: għax ħadtuli?*
*Agħtihuli ħa ntih lil mamà.*

*Ma, la nikber, jekk nikber, nixtieqni…*
*Il-Milied. X'se nitolbu l-Bambin?*
*Il-Miss tagħna qaltilna. li l-ġenna,*
*Nidħlu fiha jekk nibqgħu ċkejknin.*



# IL-FIDI

Din m'hijiex oġġett jew kwalità li għandi jew li m'għandiex. Il-Fidi hija proposta ta' Alla. Hija twemmin ibażżata fuq ir-raġuni. Tfisser ukoll li f'ħajjitna għandna nilqgħu r-rivelazzjoni ta' Alla, li tgħinna nagħrfu Hu min hu, kif jaġixxi u liema huma l-pjanijiet tiegħu għalina. Fir-Rivelazzjoni Alla jagħżel li jikkomunika lilu nnifsu, jirrakkonta hu min hu, isir aċċessibbli għalina. U aħna nsiru kapaċi nisimgħu l-Kelma tiegħu u nilqgħu l-verità tiegħu.

F' ħames episodji li insibu fil-qari ta' San Ġwann li huma:

- Il-mara Samaritana temmen f'Ġesù (4:4-38)
- Is-Samaritani jemmnu f' Ġesù (4:39-45)
- L-uffiċjal tas-sultan jemmen f' Ġesù (4:46-54)
- Il-Lhud ta' Ġerusalemm ma jemmnux f' Ġesù (5:1-47)
- Il-Lhud tal-Galilija ma jemmnux f' Ġesù (6:1-15).

Naraw li San Ġwann ried ikellimna fuq il-fidi u fuq in-nuqqas tagħha. Il-Mulej jistedinna biex aħna l-bnedmin nemmnu fih ħalli jkollna il-ħajja ta' dejjem. Is-Samaritani u l-uffiċjal tas-sultan, għalkemm kienu barranin, emmnu f'Ġesù għalkemm ma rawx mirakli. Imma l-Lhud, il-poplu li għażel Alla bħala l-poplu tiegħu, ra l-mirakli u baqa' m'emminx. San Ġwann juri dan il-kuntrast u b'hekk qed jistieden lilna biex inwieġbu għas-sejħa ta' Ġesù. M'għandniex nagħmlu bħal-Lhud ta' Ġerusalemm jew bħal-Lhud tal-Galilija. Għandna nixbhu lis-Samaritani u lill-uffiċjal ta' Kafarnahum, li laqgħu l-grazzja li tahom Ġesù u emmnu fih. M'għandniex għalfejn nistennew mirakli biex nemmnu. Aktar ikollna mertu meta aħna nemmnu f'Ġesù fuq Il-kelma tiegħu biss.

Episodju ieħor mill-qari ta' San Ġwann naraw li Ġesù; juri l-bżonn ta' fidi. Kif naraw hawn taħt, naraw kif Tumas meta ra l-pjagi ta' Ġesù u qallu biex imisshom, Tumas niżel għarkobbtejh u għamel stqarrija ta' fidi.

Tumas ma kienx magħhom meta ġie Ġesù. Id-dixxipli l-oħra qalulu: ***"Rajna lill Mulej."*** Iżda hu m'emminx u qalilhom: ***"Jekk ma narax f'idejh il-marka tal-imsiemer u ma nqiegħedx sebgħi fuq il-marka tal-imsiemer u idi fuq ġenbu, jien ma nemminx."*** Tmint ijiem wara, Ġesù daħal, qagħad f'nofshom, u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" Imbagħad qal lil Tumas: ***"ġib sebgħek hawn u ara jdejja, u ressaq idek u qegħedha fuq ġenbi; tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen."*** Wieġeb Tumas u qallu: ***"Mulej tiegħi u Alla tiegħi!"*** Qallu Ġesù: ***"Emmint għax rajtni! Henjin dawk li ma rawx u emmnu."***




Ommna Marija kienet tgħix ħajja normali għall-aħħar. Meta l-Anġlu Gabrijel mar għandha biex issir omm Alla, hija mill-ewwel aċċetat. Il-kliem li qalet lil Anġlu: ***"Jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont kelmtek"*** juri l-fidi kbira li għandha Marija f'Alla. Alla lilna wkoll jagħtina ħafna opportunitajiet biex nikbru fil-fidi. Jiddependi minna li naċċettaw u nagħtu l-kooperazzjoni tagħna.

Huwa tajjeb li nibdew din il-mixja ta' Fidi. Din il-mixja tibqa' sejra tul ħajjitna kollha. Ħafna drabi nispiċċaw nimpenjaw ruħna f'affarjiet materjali u ninsew l-affarjiet spiritwali. Importanti li nsibu ħin għall-kelma ta' Alla fejn nirriflettu u nkomplu niskopru l-fidi vera. Għalhekk b'mod speċjali din is-sena, li hija s-Sena tal-Fidi, ejjew napprofittaw minn din l-okkażjoni u nibdew vjaġġ biex insibu u nsaħħu l-ferħ tal-fidi. Il-fidi f'Alla li hu mħabba u ried li jkun qrib tal-bniedem li ħa l-ġisem u ngħata fuq is-salib biex jifdina u jiftħilna mill-ġdid il-bieb tal-Ġenna.

Jalla din il-mixja li bdejna jew għadna ħa nibdew din is-sena tgħinna nikbru lkoll fil-fidi u fl-imħabba lejn Kristu, biex nitgħallmu ngħixu, fl-għażliet u f'dak li nagħmlu ta' kuljum, il-ħajja tajba u sabiħa tal-Evanġelju. ■

*"Għandna nixbhu lis-Samaritani u lill-uffiċjal ta' Kafarnahum, li laqgħu l-grazzja li tahom Ġesù u emmnu fih. M'għandniex għalfejn nistennew mirakli biex nemmnu."*



# KIM UNG-YONG

Kim Ung-Yong twieled fit-8 ta' Marzu 1962 fil-Korea. Mill-bidu nett sar magħruf minħabba l-avvanz mgħaġġel ta' moħħu u ta' persuntu. Beda jimxi ta' sitt xhur, tella' 19-il sinna f'ġurnata waħda meta kellu biss 100 ġurnata.

*It-tfajjel Kim Ung-Yong.*




Ta' sentejn u erba' xhur huwa beda jżomm djarju li fih kien jinkludi l-ħsibijiet tiegħu dwar is-sħab barra d-dar, il-filosofija u d-dwejjaq li kien iħoss minħabba l-folol ta' nies li kienu jiġu d-dar. Sa ma kellu tliet snin kien jaf jaqra u jikteb bil-Ġappuniż, il-Korean, il-Ġermaniż u l-Ingliż u beda jitgħallem id-differential calculus. B'IQ ta' madwar 210, Kim beda l-korsijiet tal-Università meta kellu tliet snin. Ta' sitt snin Kim kien mistieden bħala student fl-Università ta' Hanyang u baqa' hemm sakemm kellu sitt snin. Fl età ta' erba' snin huwa solva problemi dwar stochastic differential equations avvanzati. Iktar tard fuq it-televiżjoni Ġappuniż huwa tkellem biċ-Ċiniż, l-Ispanjol, il-Vjetnamiż, il-Ġermaniż, l-Ingliż, il-Ġappuniż u l-Korean u anki kkompona l-poeżija. Il-ġenituri tiegħu bdew jaħsbu biex jibgħatuh l-iskola ħalli 'l quddiem imur jistudja fl-Istati Uniti.

Meta kellu seba' snin huwa kien mistieden l-Amerka minn NASA. Huwa spiċċa l-kors tal-Università meta llawrja fil-Ph.D fil-fiżika mill-Università ta' Colorado qabel kellu ħmistax-il sena. Fl-1974 beda jagħmel xogħol ta' riċerka man-NASA sakemm mar lura l-Korea fl-1978.Għall-ewwel ma setax isib xogħol għax qalulu li ma kellu l-ebda diploma mill-iskejjel primarji jew sekondarji. Għalhekk kellu jibda kollox mill-bidu.

Fi żmien sena ġab iċ-ċertifikati li kellu bżonn u ddeċieda li mill-fiżika jmur għas-civil engineering li ma damx ma ħa d-dottorat f'dak is-suġġett. Huwa ġie offrut li jkompli l-istudji tiegħu fl-aqwa Universitajiet tal-Korea, iżda għażel li jmur f'dawk provinċjali. Ma damx ma ppubblika madwar 90 paper f'ġurnali xjentifiċi dwar il-hydraulics

Għalkemm kien tifel ġenju li fil-Guiness Book of World Records ġie msemmi bħala l-iktar tifel intelliġenti fuq il-pjaneta, huwa kien juri ħiliet soċjali normali li mhux il-ġenji kollha rnexxielhom jiżviluppaw.

Huwa jgħid li kien imdejjaq bl-attenzjoni żejda li kienu jagħtuh il-gazzetti. Jemmen li hawn min jagħti importanza żejda l-IQ. ***"Hawn min jaħseb,"*** jgħid Kim, ***"li min ikollu IQ għolja ikun omnipotenti. Mhux veru. Ara jien, la għandi talen fil-mużika u lanqas fl-isports. Jiena tajjeb biex nikkonċentra fuq ħaġa waħda; ħaddieħor għandu talenti oħra."***



Il-parir tiegħu hu m'għandna niġġudikaw lil ħadd għax kulħadd għandu livelli differenti ta' tagħlim, ta' talenti u ta' ħolm li għandna dejjem nirrispettaw. L-aqwa ħaġa fid-dinja hi li nkunu kuntenti biex nagħmlu suċċess fil-ħajja. ■



## *"KLIEM BISS GĦANDHOM, IMMA FATTI XEJN!"*

# *TGĦID DIN IT-TWISSIJA TGĦODD GĦALIJA WKOLL?*

*"X'jiswa, ħuti, li wieħed jgħid li għandu l-fidi jekk ma jurihiex fl-għemil tiegħu? Jaqaw tista' ssalvah fidi bħal din?... Għax bħalma l-ġisem mingħajr ruħ huwa mejjet, hekk ukoll il-fidi mingħajr l-għemil hi mejta"* (Ġak 2:14.18b.26).

Li kellu San Franġisk jagħmel cover-version ta' dan il-prinċipju bibliku u japplikah għar-**rabta bejn is-smigħ tal-Kelma ta' Alla u l-għixien tagħha**, kien forsi jgħid xi ħaġa hekk: ***"X'jiswa, ħuti, li wieħed jisma' l-Kelma ta' Alla u jimmeditaha, jekk imbagħad ma jqegħedhiex fil-prattika? Jaqaw din il-forma ta' talb togħġob lil Alla? ... Għax bħalma l-ġisem mingħajr ruħ huwa mejjet, hekk ukoll it-talb mingħajr l-għemil huwa mejjet."*** Ġesù stess kien tkellem b'mod ċar dwar dan meta kkundanna lill-Fariżej: ***"...għax huma kliem biss għandhom, imma fatti xejn"*** (Mt 23:4). X'imkien ieħor Ġesù tenna għal kulħadd: ***"Mhux kull min jgħidli: 'Mulej, Mulej', jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet"*** (Mt 7:21). F'dan l-artiklu se naraw kif il-Fqajjar t'Assisi inkarna dan il-prinċipju fundamentali li jifforma s-sies tal-ispiritwalità Nisranija.

Jekk inqallbu l-paġni tal-ewwel bijografiji dwar San Franġisk (skont Fra Tumas minn Celano, skont San Bonaventura, eċċ.), insibu diversi waqtiet fil-mixja spiritwali tal-Poverello li juruna kemm kien akkanit li jqiegħed fil-prattika r-Rieda ta' Alla murija lilu permezz tal-Iskrittura Mqaddsa. Hekk, per eżempju, **fit-tielet sena tal-konverżjoni tiegħu, Franġisku kien għadu qed ifittex x'ried Alla minnu.** ***"Dak iż-żmien hu kien jilbes tonka ta' eremita, kien imħażżem b'ċinturin tal-ġild, kellu ħatar f'idejh u l-qorq f'riġlejh".*** [1] Waqt quddiesa fil-knisja tal-Porzjunkola, nhar il-festa ta' San Mattija, eżattament fl-24 ta' Frar 1209, Franġisku sema' tinqara s-silta mill-Evanġelju ta' San Mattew fejn Kristu jgħid li d-dixxipli tiegħu, ***"m'għandux ikollhom la deheb jew fidda, la flus fuqhom, la ħorġa għat-triq, la żewġt ilbiesi, la qrieq u lanqas ħatar, imma li kellhom biss jippritkaw is-Saltna ta' Alla u jsejħu lin-nies għall-konverżjoni"*** (Mt 10:9-10). Kif sema' din il-kelma, Franġisku ħassu mqanqal f'ruħu, imtela bil-ferħ u stqarr: ***"Dan hu dak li rrid, dan hu dak li qiegħed infittex, dan hu dak li nixtieq inwettaq b'qalbi kollha!"*** [2] Imnebbah mill-Ispirtu s-Santu, Franġisku ħass li din il-Kelma kienet inqrat propju għalih, f'dak il-jum u f'dik iċ-ċirkustanza li kien jinsab fiha. Għalhekk, fittex li jobdi dik il-Kelma minnufih: ***"Neża' ż-żarbun, warrab fil-ġenb il-ħatar li kellu, ikkuntenta b'libsa waħda f'għamla ta' salib u telaq għal-għonq it-triq iħabbar il-bxara t-tajba."*** [3] San Bonaventura, fir-rakkont tiegħu, iżid dettall sabiħ li jkompli jipperswadina kemm Franġisku kien ikun pront biex iwettaq mal-ewwel u bil-fedeltà l-Kelma li kien jisma': ***"Minn dak il-ħin 'il quddiem, il-ħerqa kollha ta' qalbu kient iċċentrata fuq kif se jqiegħed fil-prattika l-kliem li kien jisma'".*** [4]

Dan hu li rridu nifhmu meta ngħidu li **San Franġisk kien iħares il-Kelma ta' Alla kif inhi** (bil-Latin, ad litteram), mingħajr ma joqgħod ifittex interpretazzjonijiet jew kummentarji dwarha. Mhux għax kien jiġi jaqa' u jqum mill-istudju! Xejn minn dan! Imma għax dak kollu li Alla l-Aktar Għoli kien inebbħu permezz tal-Kelma Divina tiegħu, Franġisku kien ifittex bil-ħerqa li jwettqu sal-aħħar mingħajr tnikkir u kompromessi, anki jekk dan kien jitlob minnu sagrifiċċju u li jmur kontra l-kurrent. Meta kien ikun mistoqsi jekk kienx jieħu pjaċir li nies istruwiti jingħaqdu mal-Ordni, Franġisku wera li kien jieħu gost bihom, basta jistudjaw u jitgħallmu l-Iskrittura mhux biex jitgħallmu kif għandhom jitkellmu, daqskemm biex ipoġġu fil-prattika dak li jkunu tgħallmu, u biss meta jkunu nkarnawh fil-prattika kellhom jipproponuh lill-oħrajn.

*Il-figura ta' San Franġisk t'Assisi b'diversi kwadri mill-ħajja tiegħu.*



*San Franġisk t'Assisi f'mument ta' intimità m'Alla.*




Bil-Malti ngħidu, 'kulħadd bil-kappell tiegħu jsellem' jew inkella, 'ħadd ma jagħti minn dak li m'għandux'. La Franġisku kien dara jwettaq bi preċiżjoni l-Kelma li kien jisma', meta kien isib ruħu f'ċirkustanzi fejn ried jgħin lil ħaddieħor isib direzzjoni f'ħajtu, kien ipoġġi lil dik il-persuna quddiem il-Kelma ta' Alla u mbagħad jgħin lil dak li jkun jobdi l-kmand li jirċievi mingħand il-Mulej permezz tal-Iskrittura. Hekk ġara fil-każ ta' Bernardo ta' Quintavalle, kavallier prim li, imsaħħar mill-eżempju tal-Fqajjar t'Assisi, ried bħalu jiċħad kollox u jimxi wara Kristu fuq il-passi tiegħu. Meta Bernardo kixef xewqtu quddiem Franġisku, dan ħadu miegħu fil-knisja u flimkien talbu lil Alla jagħtihom d-dawl permezz tal-Iskrittura ħalli jagħrfu x'għandhom jagħmlu. Huma fetħu l-Ktieb tal-Evanġelju għal tliet darbiet u sabu dawn il versi ħerġin minn fomm Kristu: ***"Jekk trid tkun perfett, mur, biegħ kulma għandek u agħtih lill-foqra ..."*** (Mt 9:21); ***"Tieħdu xejn magħkom għat-triq ..."*** (Lq 9:3); ***"Min irid jiġi warajja għandu jiċħad lilu nnifsu ..."*** (Lq 9:23). Kienet risposta ċara ħafna min-naħa t'Alla. Mingħajr ma qagħad jitħasseb f'qalbu, Bernardo mar u biegħ ġidu kollu u qassam il-flus lill-foqra t'Assisi.

Bħal Franġisku, Bernardo obda l-Kelma li kien sema'. Il-kelma 'ubbidjenza' ġejja mill-kelma Latina 'obaudire' li għandha żewġ tifsiriet: (i) li tisma'; u (ii) li tobdi. L-etimoloġija tal-kelma nnifisha turina r-rabta intrinsika li hemm bejn is-smigħ u l-ubbidjenza. Li tisma' l-Kelma jfisser li tobdiha. Meta nqajjem il-widnejn ta' qalbi biex nisma' l-Kelma ta' Alla, nista' nisma' xi ħaġa ġdida, xi ħaġa lil hinn mill-aspirazzjonijiet tiegħi, mill-aġenda tiegħi, mill-kontroll tiegħi. Imbagħad, il-fatt li nkun smajtha u fhimt x'jixtieq Alla minni, jgħabbini b'responsabbiltà li nwettaq dak li nkun smajt.

Fid-dawl tal-esperjenza tal-Fqajjar t'Assisi, f'dan l-artiklu rriflettejna dwar ir-rabta serja li hemm bejn is-smigħ tal-Kelma ta' Alla u l-għixien tagħha, fi kliem ieħor, bejn it-talb u l-ħajja. Dawn it-tnejn huma koppja li ma jafux b'divorzju. Ħabel u satal. Fl-artiklu tax-xahar id-dieħel (li se jkun l-aħħar wieħed fis-sensiela li titratta r-relazzjoni bejn San Franġisk u l-Kelma ta' Alla) se naraw kif Franġisku mhux biss ħassu mbuttat li jgħix il-Kelma, imma wkoll li jaqsamha mal-oħrajn, speċjalment mal-fqar. Din l-aħħar tappa fir-relazzjoni tiegħu mal-Kelma ta' Alla hija s-siġill tal-awtentiċità tal-laqgħa tiegħu ma' Alla. Għax kull min jagħmel esperjenza qawwija tal-Mulej permezz tal-Kelma, ma jista' qatt iżomm dik l-esperjenza għalih innifsu, imma jħossu mbuttat biex ixandar dik il-bxara tajba lill-oħrajn. ■

Referenzi

1. FRA TUMAS MINN CELANO, L-Ewwel Ħajja ta' San Franġisk t'Assisi, 21.
2. IBID., 22.
3. IBID.
4. SAN BONAVENTURA, Il-Leġġenda Maġġuri, kap. 3,1.



# *SAĊERDOT KAPUĊĊIN*

Min ma semax bil-famuż Kapuċċin, Patri Mariano minn Torino, li minn Jannar tal-1955 sa' jum mewtu, li seħħet nhar is-27 ta' Marzu 1972, ma waqafx ixandar il-Kelma ta' Alla permezz ta' tliet programmi televiżivi tant popolari fuq l-istazzjon tat-televiżjoni statali Taljan (RAI). Qiegħed nirreferi għall-programmi *Chi è Ġesù, In Famiglia* u *La Posta di Padre Mariano.*




Bħala saċerdot Kapuċċin inħobb nara lili nnifsi f'dawn it-tliet programmi ta' Patri Mariano, jiġifieri r-relazzjoni tiegħi ma' Kristu u l-akkumpanjatur tal-familja u tal-bniedem li jrid jersaq lejn Ġesù. Ir-relazzjoni ta' Patri Mariano ma' Ġesù kienet personali. Għax kien jafu, Patri Mariano jiddistingwi bejn li tippriedka milli titħaddet fuq Ġesù: ***"Wara kollox, għaliex hawn ftit omeliji fuq il-persuna adorabbli, li hi Ġesù? Il-Kristjaneżmu mhuwiex daqstant duttrina daqskemm persuna. L-essenza tal-Kristjaneżmu hija l-persuna ta' Ġesù Kristu. Il-predikazzjoni tħalli l-'essenzjali'. Mhijiex daqshekk 'Nisranija' għaliex Ġesù bħala persuna mhuwiex mitħaddet. Huwa neċessarju li 'titkellem' mhux 'tippriedka'. Nemmen li Ġesù tkellem b'mod ġentili iktar milli ppriedka b'leħen għoli u mhux effettiv kif jagħmlu ħafna mill-ministri ta' Alla".***

- Nitħaddet xejn ma' Ġesù ras imb'ras?
- Nitħaddet fuq l-esperjenza li għandi tiegħu kull darba li nkellem lill-poplu ta' Alla?
- Waqt il-ministeru tiegħi tax-xandir tal-Kelma lin-nies inkellimhom fuq Ġesù bi mħabba u b'ġentilezza jew b'leħen irrabjat?

Skont Patri Mariano, is-saċerdot Kapuċċin huwa dak li jxandar lil Ġesù Kristu, u 'l dan imsallab, lill-familji. Jistqarr: ***"Tul il-missjonijiet popolari nipprova noħloq 'ġimgħa ta' Evanġelju' b'għan wieħed biss: li nintroduċi l-Evanġelju f'kull dar Nisranija biex ikun mqiegħed f'post privileġġat u moqri minn kull membru tal-familja".*** Għal Patri Mariano, meta l-familji jkunu evanġelizzati, is-soċjetà kollha tkun evanġelizzata. Biex dan iseħħ hemm bżonn li s-saċerdot jikkonċentra ħidmietu fuq il-bżonnijiet tal-familja. "Għaliex ma nippriedkawx wara l-ikla ta' filgħaxija meta n-nies jistgħu jkunu ħielsa li jattendu? Għaliex nippriedkaw daqshekk ftit barra t-triq, fl-istadji, fil-parks, u lil min ma jersaqx lejn il-knisja". Il-predikazzjoni tiegħi: tkellem, tibni, issaħħaħ u tagħti tama lill-familji? Kemm jiena disponibbli li ngħinhom fil-ministeru saċerdotali tiegħi?

Is-saċerdot Kapuċċin huwa akkumpanjatur tar-ruħ. Jissokta Patri Mariano: ***"It-tliet snin li għamilt kappillan fl-isptar, offrewli, f'età matura, iżjed esperjenza mill-kotba kollha fuq kwistjonijiet morali... Naħseb li kull saċerdot responsabbli mill-erwieħ għandu sistematikament jiddedika ċertu ħin solidu kuljum iżur lill-fidili minflok jqattgħu ħinhom fl-uffiċċju parrokkjali".*** Inżur xejn lill-poplu ta' Alla? Nagħtihom ħin biex fiħ nakkumpanjahom lejn Ġesù?

Ġesù flimkien mal-akkumpanjament familjari u personali jagħmluni saċerdot Kapuċċin għaż-żminijiet tal-lum. Nofs seklu ilu Patri Mariano xandar din il-viżjoni minn fuq it-televixin! ■



# *IL-MONUMENT TA' SANT'ANTON ABBATI*



Il-kult lejn Sant'Anton Abbati ilu jeżisti fost in-nies tax-Xagħra għal mijiet tas-snin. Tant li l-ewwel knisja parrokkjali ta' din il-lokalità kienet magħrufa bħala Sant'Anton tal-Qaċċa. Din il-knisja kienet tieħu ħsieb il-ħtiġijiet spiritwali tan-nies tal-inħawi. Ix-Xagħrin kienu jitolbu lil dan il-qaddis il-protezzjoni biex iħarsilhom problemi tar-raba' u l-annimali. Maż-żmien twieldet id-drawwa li f'jum dan il-qaddis jitbierku l-annimali. Din id-devozzjoni kellha bżonn ta' manifestazzjoni li tidher matul is-sena kollha. Kien hemm bżonn ta' monument ġieħ dan il-qaddis.

*Il-knisja ddedikata lil Sant'Anton Abbati.*


Ritratt © Caroline Camenzuli

Fl-imsieraħ tal-gżejjer Maltin ġieli ssib xi salib tal-ġebel, xi niċċa ewlenija, xi statwa tal-ġebel. Dan l-aħħar daħlet sewwa il-'moda' li wieħed iwaqqaf ukoll xi monument lil persunaġġ magħruf. Kien Dun Ġwann Sultana, ir-rettur tal-knisja ta' Sant'Anton Abbati li ħa l-inizjattiva biex jwaqqaf monument f'ġieħ dan il-qaddis. Kien fit-8 ta' Marzu 1999, li delegazzjoni mill-kumitat tal-knisja ta' Sant'Anton Abbati li avviċinat lill-iskultur, il-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi. Dan l-artist aċċetta li jagħmel id-disinn ta' dan il-monument kif ukoll jaħdem l-iskultura fil-ġebla Maltija.

L-ewwel ħaġa li għamel il-Kavallier Camilleri Cauchi kien li jżur il-pjazza fejn kellu jitwaqqaf il-monument. Wara hu ħejja d-disinn. Kien imiss lil Dun Ġwann Sultana li jippreżenta dan lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra. Waqt il-laqgħa, bejn Dun Ġwann u l-membri tal-kunsill, kienet saret talba għall-koperazzjoni u għajnuna finanzjarja biex il-proġett iseħħ tassew. Il-kunsilliera Xagħrin laqgħu din it-talba. Tant li l-Kunsill Lokali applika għall-permess kif ukoll offra li jħallas l-ispejjeż tal-pedistall.

Kien f'Lulju tas-sena 1999 li Dun Ġwann organizza ġita għal Ruma. Din il-ġita kienet mezz biex jinġabru fondi għal dan il-monument. Raymond Bonello li hu marmista mix-Xagħra, ġie nkariġat li jaħdem il-pedistall. Dan sar fil ġebla tal qawwi tal Qala. Carmel Magrin, Xagħri wkoll, ħadem il-ħadid ta' madwar dan il-pedistall. Il-figura ta' Sant'Anton Abbati saret mill-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi fl-istudio tiegħu fil-Fgura. Għalhekk meta kienet lesta kellha tittieħed Għawdex. Dan seħħ fit- 8 ta' Frar 2000.

Ix-xewqa tal-kumitat kienet li l-monument jiġi nawgurat fil-festa liturġika ta' Sant'Anton Abbati. Għalhekk f'Diċembru beda x-xogħol tat-twaqqif tal-monument. F'17 ta' Jannar, jum il-festa liturġika ta' Sant'Anton Abbati, l-istatwa twasslet fil-misraħ fejn kienet se tittella'. Hawn bdiet il-ħidma biex l-istatwa tittella' fuq il-pedistall. Biex jaraw dak li kien qed iseħħ inġabru ċorma nies ġmiela.

Il-festa ta' Sant'Anton Abbati kellha ssir fil-21 tà Jannar. Fil-misraħ intrama palk kbir għall-mistidnin distinti. Fl'erbà nieqsin kwart Monsinjur Isqof Nikol G. Cauchi mexxa konċelebrazzjoni li fiha sar it-tberik tax-xgħir u l-biskuttini. Wara saret purċissjoni bl-istatwa tal-qaddis mat-toroq tax-Xagħra. Fil-purċissjoni ħadet sehem il-konfraternità ta' Sant'Anton Abbati tar-Rabat (Malta). Ħadet sehem ukoll il-banda tax-Xagħra – Il-banda Victory. Meta l-istatwa waslet fil-misraħ sar diskors minn Kan Dun Karm Refalo, Arċipriet tal-Qala. Dan tkellem dwar il-ħajja u l-messaġġ ta' Sant'Anton Abbati.

Wara, il-monument ġie inawgurat mill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dr Eddie Fenech Adami flimkien mas-Sindku tax-Xagħra ta' dak iż-żmien Anthony Attard. Wara Monsinjur Nikol G. Cauchi bierek dan il-monument.

Pass ieħor kien għad baqà. Monsinjur Isqof Nikol G. Cauchi poġġa salib tad-deheb fuq il-mant ta' l-istatwa tà Sant'Anton Abbati waqt li kienet qegħda fil-misraħ. Dan is-salib hu xogħol ta' Tarcisio Cassar, bniedem magħruf f'dan il-qasam miż-Żejtun. Dan is-salib kien tbierek mill-Q.T. Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II fil-belt tal-Vatikan, nhar it-3 ta' Jannar 2001. Wara Monsinjur Isqof bierek l-annimali. Ta' min jgħid li ċ-ċerimonja kienu spikkaw diversi karettuni armati tradizzjonalment. B'hekk fix-Xagħra żied monument ieħor biex iżejjen u fl-istess ifakkar fid-devozzjoni lejn Sant'Anton Abbati, qaddis li jistedinna biex jimxu aktar wara Ġesù. ■

Referenza

Anon, Monument f'ġieħ Sant'Anton Abbati fil-bidu tat-tielet millennju, Ix-Xagħra Vol X No 10

*"Kien Dun Ġwann Sultana, ir-rettur tal-knisja ta' Sant'Anton Abbati li ħa l-inizjattiva biex jwaqqaf monument f'ġieħ dan il-qaddis. Kien fit-8 ta' Marzu 1999, li delegazzjoni mill-kumitat tal-knisja ta' Sant'Anton Abbati li avviċinat lill-iskultur, il-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi."*



# IL-MADONNA FIL-POEŻIJA MALTIJA

Id-devozzjoni tal-poplu Malti lejn il-Madonna hija b'saħħitha qatigħ. Dan jidher fil-knejjes u fis-santwarji ddedikati lilha, fin-numru sabiħ ta' niċeċ u pitturi li jinsabu mxerrdin f'bosta partijiet tal-gżejjer tagħna, imma anki fil-poeżija Maltija. Ħafna huma dawk il-poeti li kitbu dwar il-Madonna fil-waqtiet differenti ta' ħajjitha. Hawnhekk se nsemmi u nieħu xi versi ta' tnax-il poeta, sebgħa minnhom reliġjużi u l-ħamsa l-oħra lajċi, li kitbu kemm fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, kif ukoll fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin u xi wħud għadhom jipproduċu l-poeżija sal-ġurnata preżenti.

Il-poeti reliġjużi li kitbu dwar il-Madonna huma ħafna. Għalhekk ta' min jgħid li dan hu studju limitat ħafna. Il-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila kiteb mijiet ta' poeżiji. Fost il-poeżiji ddedikati lill-Madonna nsibu Lill-Madonna ta' Lourdes li tintrabat fuq kollox mat-tama fil-fejqan:

*"Kemm morda fil-ġisem,*
*Kemm morda fir-ruħ*
*Hawnhekk sabu s-saħħa*
*Li nfexxet fi dmugħ".*

Poeżija oħra ta' Dun Karm hija Id-Duluri: hawnhekk hu jikteb, "Baħar bla tarf in-niket minn ta' qalbek,/ Kif bla tarf hija mħabbtek, bħalma kbir/ Kien id-dnub tagħna li ma' Ibnek sallbek".

Il-ktieb ta' l-innijiet li nsibu fuq il-bankijiet tal-knisja huwa mimli b'xogħlijiet ta' poeti differenti. Fost dawn l-innijiet l-iktar magħruf huwa ta' Dun Karm Psaila bl-isem ta' Innu lill-Madonna li jibda hekk:

*"Fil-ħlewwa ta' Mejju,*
*Omm tagħna Marija,*
*Oh kemm idoqq ħlejju*
*Dak ismek sabiħ".*

*Il-kappella tal-Kapuċċini, il-Florjana, iddedikata lill-Madonna ta' Lourdes.*



Poeżiji oħra tal-poeta nazzjonali huma Lill-Madonna ta' Pompej, Bjuda u Mater Purissima - f'dawn l-aħħar tnejn il-poeta jinsisti fuq is-safa tal-Madonna.

Poeta ieħor li kiteb ħafna dwar il-Madonna kien il-patri Karmelitan Anastasju Cuschieri, magħruf ukoll bħala "Il-poeta tal-Madonna". Fil-poeżija Fis-Santwarju tal-Karmnu jsejħilha "ja ommi", u jgħidilha "Lejk indur, minnek nistenna faraġ" u "rajtek jiena, ja Madonna,/ tiddi, bajda, qalb il ħdura". Cuschieri jiftakar ukoll f'dak il-jum meta libes l-ilbies ta' Karmelitan:

*"Ħdejk tlajt nilheġ, omm il-ħajja*
*int kif rajtni,*
*fjur tal-Karmnu, ilbiesek tajtni".*

Cuschieri jorbot lill-Madonna ma' l-aspett patrijottiku (l-imħabba tal-Maltin lejha) fil-poeżija Il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu 1909 meta jikteb:

*"Maltin ħuti, xejn la tibżgħu*
*Li l-Infern iqarraq bina,*
*Jekk tal Karmnu tieqaf magħna*



*"Int mid-dnub rebbieħa/ Irbaħt Marija, wkoll jasar l-imwiet./ U qomt mill-qabar donnok xemx sabiħa/ U bil-ġisem u bir-ruħ tlajt fis-smewwiet"*

*ħadd ma jista' żgur għalina.*
*Kollox tista': il-qawwa tagħha*
*Hija qawwa ta' Reġina."*

Anki patri Ġużè Delia, Ġiżwita, kiteb bosta versi dwar il-Madonna. F'Ave Marija jsejħilha "Sultana" u "Xbejba Mqaddsa", filwaqt li terġa' toħroġ ir-rabta bejn Malta u l-Madonna f'L-Għanja tal-Malti lil Marija meta jikteb:

*"U jibqgħu sa l-aħħar, j'Omm ħelwa, dawn qlubna*
*Ma' qalbek marbuta, b'imħabba qawwija;*
*U l-aħħar tislima ta' ruħna f'dil-ħajja,*
*Tkun lilek, ja Malta, tkun lilek Marija!"*

Patri Delia jsemmi d-devozzjoni tal-Maltin waqt it-Tieni Gwerra Dinjija fil-poeżija Air-Raid bil-lejl: Min jaf kemm missirijiet Maltin kellhom iħallu djarhom u l-familji tagħhom u jħabbtu wiċċhom ma' perikli kbar biex jiddefendu lill-gżejjer mill-għadu. Il-poeta jimmaġina lin-nisa tagħhom jitolbu lill-Madonna biex treġġagħhom lura d-dar qawwijin u sħaħ:

*"Jitolbu ... quddiem xbieha*
*tal-Omm tal-Imnikktin ġ...ħ*
*Titlob biex il-Madonna*
*Tħarsu mill-għadu u żżommhulha sħiħ*
*U treġġgħu lura f'daru".*

Ġużè Delia għandu wkoll versi ddedikati Lil Marija Assunta: "Int mid-dnub rebbieħa/ Irbaħt Marija, wkoll jasar l-imwiet./ U qomt mill-qabar donnok xemx sabiħa/ U bil-ġisem u bir-ruħ tlajt fis-smewwiet". F'Inħobbok, Madonna! patri Delia jara lill-Madonna bħala parti mill-pjan tas-salvazzjoni:

*"Ried Alla b'kull seħer iżejnek*
*U ruħek ifawwar bil-milja tal-ġid,*
*Għax għażlek biex f'ġufek Int tnissel lil Ibnu*
*U miegħu tifdina mill-jasar imqit".*

L-istess idea tidher f'Lill-Warda tax-Xemx ta' Charles Magro (Segretarju tal-Għaqda Poeti Maltin) meta jikteb: "Għax dawk għajnejk juru l-kbira mħabba,/ li biha tħobb, bħal Ibnek, lill-bnedmin;/ tgħożż il-mument met'Alla ħatrek b'Ommna/ biex tak sehem sħiħ fil-fidwa tal-ħatjin."

Patri Ġużè Abela jorbot lill-Madonna bħala wens mal-kunċett tal-emigrazzjoni. Hekk jikteb f'Rajt il-Madonna xxejjer:

*"x'ħin il-vapur li fuqu qed inbaħħar*
*qala' mix-xatt u n-nies qabdet ixxejjer,*
*rajtek Madonna, u miegħek kellek 'l Ibnek,*
*u ġejt ma nafx minn fejn u rajtni sejjer".*

Id-devozzjoni kbira lejn San Pawl fuq naħa u dik lejn il-Madonna fuq l-oħra spiss jintrabtu flimkien fil-versi ta' Mons. Amante Buontempo, fundatur tal-Għaqda Poeti Maltin. Imma fil-poeżiji li jittrattaw il-Madonna, Buontempo spiss kiteb dwar dawk li għandhom ir-riedni tal-poter f'idejhom. Hekk f'Due regni: umanità sconvolta jsostni li kontra l-korruzzjoni fid-dinja hemm id-dawl tal-Madonna (*"Ma contro questo regno dei corrotti/ c'è quello più potente della Luce/ ġ...ħ Della Madonna è ancor quest'altro Regno"*), filwaqt li f'Tinqdewx b'Tjubiti! insibu talba lill-Madonna biex tbiegħed lill-politiċi mill-ħażen:

*"Madonna, tinsa 'l ħadd mill-ħbieb u għedewwa*
*għannaq lil dawn u 'l dawk u għaqqadhom miegħek.*
*Itfilhom fil-Girgenti n-nar tad-Dnewwa*
*U żommna lkoll flimkien fil-kenn ta' Driegħek".*

Isem patri Marjanu Vella, Franġiskan, jixhed id-devozzjoni tiegħu lejn il-Madonna. Huwa għex f'Tas-Sliema u għalhekk fost il-bosta poeżiji minn tiegħu għandu Lill-Madonna tas-Sacro Cuor: hawnhekk hu jikteb, "Dis-sena ma narakx, Xebba Marija,/ ħierġa mill-knisja taħt il-logħ'b tan-nar,/ għajnejja se jiċċaħħdu mis-sbuħija,/ la jiena qiegħed hawn ġo qiegħ l-Isptar". Huma versi li nkitbu fl-isptar fejn il-poeta qatta' xhur twal.



Dun Frans Camilleri (ara ritratt) jorbot lill-Madonna ma' tliet aspetti oħra. F'Quddiem il-Madonna jikteb dwar il-Madonna u t-tfal: "Wasal darb'oħra Mejju u ħdejk Marija,/ ar'hom it-tfal ċkejknin, fil-knejjes tagħna,/ iħarsu lejk bil-ħniena u lkoll jgħidulek/ it-talb sabiħ imħallat ma' ftit għana." F'Imbierka Int, Marija! l-poeta qassis jikteb dwar il-Madonna fil-pittura: "Fil-kwadri ta' l-aqwa pitturi,/ imżejna bid-dija tal-lwien,/ qimuk il-ġnus kollha, Madonna,/ u mbierka sejħulek f'kull żmien." Fl-aħħarnett il-poeżija Omm Alla tinsisti fuq il-fatt li l-Madonna hija wkoll omm il-Ħallieq:

*"Alla 'l ħadd ma ħabb daqs lilek...*
*u ħadd daqsek ħabb lil Alla:*
*mill-imħabba ta' Alla u Bniedma*
*twieled fostna l-Bniedem-Alla!"*

Anki l-kontribut tal-poeti lajċi huwa massiċċ. Waħda mill-isbaħ poeżiji hija ta' Rużar Briffa, L-għanja ta' l-imnikket, li tibda b'dawn il-versi:

*"O Madonna tad-Duluri,*
*mhux il-ward*
*jien fittixt ħa nsebbaħ darek*
*u nfewwaħlek lil altarek,*
*imma x-xewk minn qalb ix-xagħri*
*u l-għolliq, marrad, musfari..."*

Ma ninsewx li Rużar Briffa kien Professur tal-mard tal-ġilda u għalhekk min jaf kemm ħabbat wiċċu ma' tbatija umana matul xogħlu. L-uniku faraġ għall-marid huwa d-Duluri.

Anki Alfred Massa, President attwali ta' l-Għaqda Poeti Maltin, jikteb dwar id-Duluri (din id-darba dwar




il-purċissjoni li ssir kull sena) f'Il-Ġimgħa, 10 ta' April 1987. Kien perijodu ta' taqlib politiku kbir u għalhekk il-poeta jitlob għall-għaqda fost il-Maltin: "Jien, bħal ħuti, nersaq lejk ukoll/ u kollni ħerqan nitolbok/ biex int u għaddejja mit-toroq tagħna/ twaqqa' minn fuq bosta wċuħ/ il-maskra tal-ipokresija."

Id-Duluri tidher ukoll fil-poeżija ta' Pawlu Aquilina f'Lil omm in-niket, filwaqt li f'Talba lill-Madonna Aquilina joħroġ il-karatteristiċi ewlenin tal-Madonna li jispikkaw fil-poeżija Maltija: omm, ħniena, ħlewwa, imħabba u safa. F'Il-ġnejna ta' Lourdes Aquilina jippreżenta lill-Madonna bħala "il-kewkba/ tat-tama, tal-ħelsien,/ tal-faraġ u tal-hena/ li ddawwal kullimkien", u bħala dik li "tkellem bl-aktar ħlewwa/ lill-umli, lill-fqajrin,/ lil dawk ta' qalbhom safja,/ l-aktar lit-tfal ċkejknin."

Carmel G. Cauchi, bħal Pawlu Aquilina, jikteb dwar Lourdes u jistqarr dan fil-poeżija tiegħu li ġġib l-istess isem:

*"Minkejja dil-miġemgħa minn kull ġens,*
*li għandek ġiet ħerqana ssib il-wens,*
*is-skiet sultan suprem,*
*u jxandar b'elokwenza qed nisimgħu*
*il-qodos ta' l-imkien fejn irfist int."*

Minn ma hassx din is-sensazzjoni meta mar Lourdes?

F'"Mma xejn ma jisboq ġmielek Cauchi jqiegħed lill-Madonna f'paralleliżmu mas-sbuħija u s-safa naturali: "Għax inti bewsa t'Alla lil kull bniedem,/ in-nifs li jagħti l-ħajja lill-ħolqien,/ nixxiegħa ta' kull safa, ġmiel u kobor,/ fawwara ta' kull grazzja tul iż-żmien."

Xi ħaġa simili sseħħ fi Xbieha tal-Madonna ta' Maurice Mifsud Bonniċi li jilmaħ wiċċha fiż-żerniq:

*"Hekk kif filgħodu kmieni*
*Meta l-Lvant jissaffa ġ...ħ*
*Hekk kif il-ġilju jfesdaq*
*Mar-raġġ tax-xemx wenniesi ġ...ħ*
*Ismek iżernaq f'moħħi*
*U nlissnu kmieni, kmieni,*
*U hekk kif il-jum jilma*
*Wiċċek jixref ewlieni."*

Kif jidher minn dawn il-ftit eżempji l-Madonna hi figura importanti ħafna fil-poeżija Maltija. Tintwera b'ilbies differenti u għalhekk deskritta f'waqtiet differenti minn ħajjitha (l-Annunzjata, tal-Karmnu, ta' Lourdes, ta' Pompej, id-Duluri, l-Assunta), però mogħtija karatteristiċi komuni: omm, safa, ħniena,

ħlewwa, dawl, kenn, faraġ u l-bqija. Tispikka r-rabta bejn il-Madonna u l-ambjent naturali proprju għaliex fit-tnejn hemm l-element tas-safa. Nispiċċa billi nsemmi tliet poeti membri ta' l-Għaqda Poeti Maltin li spiss jiktbu versi ddedikati lill-Madonna: Mary Grace u Peter Caruana minn Ħal Tarxien, u Ninu Borg minn B'Kara. ■



# KNISJA ŻAGĦŻUGĦA F'MIXJA TA' FIDI

Il-Knisja Kattolika fil Kenja hija Knisja żagħżugħa għal żewġ raġunijiet. L-ewwelnett hija żagħżugħa għax twaqqfet permezz tal-missjunarji mal-120 sena ilu biss, u allura m'għandhiex tradizzjoni twila. Il-fidi tal-Insara għadha tista' tgħid fil-bidu meta tqis li għad hemm diversi kostumi u tradizzjonijiet fil-kultura tribali tagħhom li ma jaqblux mal-valuri tal-Evanġelju. Ma nistgħux nipparagunawha mal-Knisja f'Malta jew fl-Ewropa, fejn għandha tradizzjoni nisranija ta' mijiet jekk mhux eluf ta' snin. It-tieni, il-Knisja Kattolika fil-Kenja hija żagħżugħa għax ħafna mill-Insara li jimlew il-knejjes nhar ta' Ħadd huma żgħażagħ.



Mons Darmanin jintroduċi l-funzjoni.



Mons. Joseph Alessandro jamministra l-Griżma tal-Isqof fil-parroċċa ta' Hola.

L-istedina li għamel il-Papa Emeritu Benedettu XVI lill-insara kollha, fil-11 t' Ottubru, il-ftuħ tas-Sena tal-Fidi, hija stedina anki lil ħutna kattoliċi fil-Kenja. Il-Papa qalilna li: ***"Il-'bieb tal-fidi' hu dejjem miftuħ għalina biex iwassalna għall-ħajja ta' għaqda ma' Alla u joffrilna d-daħla fil-Knisja tiegħu"*** (Ittra Appostolika tal-Papa Benedettu XVI, Il-Bieb tal-Fidi n.1).

Li nidħlu minn dan il-bieb ifisser li rridu nibdew vjaġġ li jdum ħajjitna kollha, jibda bil-Magħmudija, li permezz tagħha nistgħu nsejħu lil Alla Missierna, jitkompla bil-qawwa tas-Sagramenti mqaddsa li nirċievu matul il-ħajja u jintemm billi ngħaddu minn din il-ħajja għall-ħajja ta' dejjem, li bid-don tal-Ispirtu s-Santu jsieħeb miegħu fil-glorja lil dawk li jemmnu fih.

Dan id-don tal-Ispirtu s-Santu jinżel għall-ewwel darba fina fil-Magħmudija, u jissaħħaħ fina meta nirċievu l-Griżma tal-Isqof, jew il-Konfermazzjoni.

L-ewwel impenn li kelli kif wasalt lura fid-Djoċesi ta' Garissa kien li namminstra s-Sagrament tal-Konfermazzjoni f'żewġ parroċċi tad-Djoċesi ta' Garissa. L-ewwel Konfermazzjoni kienet fil-knisja parrokkjali ta' Hola, iddedikata lil San Franġisk t'Assisi, fejn hemm bħala Kappillan Fr Joe Galea, u jgħinnuh hemm Fr Spiro Galea, Fr Emmanuel Kamrata u Post-Novizz, ilkoll Kapuċċini.

Sabiex jirċievu s-Sagrament tal-Konfermazzjoni kien hemm 90 wieħed u waħda, fosthom tfal, żgħażagħ u anki xi adulti. Wara l-quddiesa ħriġna barra biex imbierku l-kampnar il-ġdid u l-qampiena tal-knisja kif ukoll grotta sabiħa tal-Madonna li bnew Fr Joe Galea u Fr Spiro Galea.

It-tieni Konfermazzjoni saret f'parroċċa oħra tad-Djoċesi, fil-parroċċa ta' Wenje, iddedikata lil San Ġwann Battista. Din il-parroċċa hija mmexxija mill-Kappillan Fr Peter Ndegwa, assistit minn Fr Leonard u d-djaknu Isaac, kollha patrijiet Kenjani tal-Holy Ghost. Hawn kien hemm 50 żagħżugħ u żagħżugħa li rċevew is-Sagrament tal-Konfermazzjoni.

Il-Liturġija fiż-żewġ parroċċi kienet organizzata tajjeb ħafna bis-sehem ta' diversi gruppi ta' lajċi. Fi tmiem il-funzjoni dawk kollha li rċevew s-Sagrament tal-Konfermazzjoni kienu mogħtija bħala tifkira ċertifikat u kuruna tar rużarju. Lin nies kollha preżenti kienet mogħtija tifkira (book-mark) li tfakkar l-Ordinazzjoni



*L-Isqof Alessandro waqt it-tberik tan-niċċa tal-Madonna.*

Episkopali tiegħi b'talba fuq wara għall-qdusija tas-saċerdoti li lkoll ġew imħeġġin biex jitolbuha ta' kuljum.

Waqt l-omelija żammejt quddiem għajnejja l-istedina li l-Papa Emeritu Benedettu XVI għamel lill-"Isqfijiet tad-dinja kollha biex jingħaqdu mas-Suċċessur ta' Pietru, fiż-żmien ta' grazzja spiritwali li l-Mulej qed joffrilna, biex infakkru d-don prezzjuż tal-fidi tagħna" (Il-Bieb tal-Fidi n.8).

L-istqarrija tal-fidi bil-fomm turi li l-fidi titlob xhieda u mpenn fil-pubbliku. In-nisrani qatt ma għandu jaħseb li t-twemmin hu xi ħaġa privata. Il-fidi hi deċiżjoni li noqogħdu mal-Mulej biex ngħixu miegħU.

Bħalma fil-jum ta' Pentekoste, il-Knisja turi biċ-ċar din id-dimensjoni pubblika ta' meta wieħed jemmen u jħabbar bla ebda biża' l-fidi tiegħu lill-bnedmin kollha, hekk ukoll permezz tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni, in-nisrani jimtela bil-kuraġġ li jagħtih l-Ispirtu s-Santu biex ikun jista' jixhed il-fidi tiegħu mingħajr biża'.

Skont it-tagħlim tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, l-istqarrija tal-fidi trid tkun imsaħħa bil-ħajja tas-Sagramenti, l-aktar ***"Is-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija – Magħmudija, Konfermazzjoni u Ewkaristija – li jqiegħdu l-pedamenti tal-ħajja nisranija kollha"*** (Il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika, n.1212).

Il-Katekiżmu jkompli jinsisti li: ***"Għalhekk jeħtieġ li l-Insara jiġu mgħallmin dwar il-ħtieġa li jirċievu s-sagrament tal-Konfermazzjoni ħalli l-grazzja tal-Magħmudija tiġi msaħħa. Dan għaliex permezz tal-Konfermazzjoni, ir-rabta ta' l-imgħammdin mal-Knisja ssir aktar perfetta, huma jistagħnew b'qawwa speċjali mill-Ispirtu s-Santu, u hekk jiġu mpenjati aktar biex ixandru u jħarsu l-fidi bil-kliem u bl-għemil bħala veri xiehda ta' Kristu"*** (n.1285).

Jalla l-mixja ta' fidi li qegħdin nagħmlu flimkien ma' ħutna l-insara fid-Djoċesi ta' Garissa tissokta bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li jissawwab fuq l-imgħammdin u fuq dawk kollha li jirċievu s-Sagrament tal-Konfermazzjoni. ■



*L-Isqof Alessandro jirċievi l-offerti (prodotti lokali) waqt il-quddies fil-knisja tal-parroċċa ta' Wenje.*



# *L-EVANĠELIZZAZZJONI ĠDIDA (IV)*



*L-Arċisqof Pawlu Cremona, nhar is-Sahra tal-Għid 2013, fil-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt, flimkien mal-Aħwa fil-Mixja Neo-Katekumenali fit-tappa tal-Elezzjoni (tmiem il-Mixxja), li fiha rċevew il-Libsa l-Bajda u ġeddu l-Wegħdiet tal-Magħmudija. Jidhru ukoll il-katekisti tal-Mixja tal-ewwel Komunità tal-parroċċa San Ġwann: il-koppja Ewsebio u Giulietta, Dun Oswaldo u l-itineranti Andrea.*

**Fil-mixja tagħna fil-qasam fejjiedi u urġenti tal-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida jmiss issa li nitħaddtu ftit minn żewġ aspetti oħra tagħha. L-ewwelnett, l-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida hija diretta lejn l-individwi u l-kulturi l-oħra. It-tieni nett, l-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida hija proċess ta' Kristjanizzazzjoni.**

Kif diġà għedna fl-introduzzjoni l-Evanġelizzazzjoni m'hijiex biss diretta lejn l-individwi. Hija wkoll tħaddan kulturi sħaħ. Fil-fatt il-Beatu Ġwanni Pawlu II jgħallem li l-Evanġelizzazzjoni għandha l-qawwa li tbiddel mhux biss individwi għal rashom, iżda saħansitra għandha wkoll il-ħila li tbiddel il-qalb ta' kulturi sħaħ. Dan għaliex tinjetta fihom l-influwenza friska u biddiela tal-Evanġelju. Fl-attività missjunarja tagħha l-Knisja tiltaqa' ma' għadd ta' kulturi differenti. B'hekk hija tispiċċa nvoluta fil-proċess tal-inkulturazzjoni. Fl-enċiklika tiegħu li titħaddet fuq il-permanenza tal-validità tal-mandat missjunarju tal-Knisja, Redemptoris Missio, il-Papa Pollakk ifisser l-inkulturazzjoni bħala ***"l-bidla intima tal-valuri kulturali awtentiċi permezz tal-integrazzjoni fil-Kristjaniżmu u l-inserzjoni tal-Kristjaniżmu f'kulturi umani varji"*** (§ 52).

Mela, din il-bidla u l-inserzjoni, jissokta jfisser il-Papa Wojtyla, għandu jkollhom bħala l-għan aħħari tagħhom il-ftuħ tal-messaġġ ħellies tal-Evanġelju. Ngħiduha kif inhi, x'sens jibqagħlu l-Evanġelju jekk jibqa' ktieb mitfuħ biss fis-sagristiji u l-kunventi u nġustament imċaħħad mis-soċjetà tagħna? L-għeluq huwa ta' dannu spiritwali u uman kbir għal kulħadd. Aħseb u ara għall-Evanġelju u min ikkonsagra hajtu biex ixandru!

Fl-istess enċiklika l-Papa jgħallem li l-Evanġelizzazzjoni l-ġdida jeħtieġilha titħabat biex tlaħħam il-valuri Kristjani u li tiftaħ il-messaġġ tal-Vangelu għall-kulturi umani.

*L-Aħwa tal-ewwel Komunita fil-Mixja Neo-Katekumenali tal-parroċċa San Ġwann, f'ewkaristija mmexxija mill-Kappillan, Fr Effie Mallia OFMCap, nhar is-Sibt, 13 t'April 2013, assistit mill-għadd ta' Presbiteri, (X - L) Frs: Salv Spagnol OCD, John Vella OFMCap, Leonard Falzon OFMCap, Martin Coleiro OFM u Anton Ciangura OFMCap. Ipparteċipaw f'din l-Ewkaristija l-Aħwa kollha fil-Komunitajiet f'San Ġwann, (tmiena b'kollox).*



Għalhekk, skont il-Beatu Ġwanni Pawlu II, l-evanġelizzazzjoni l-Ġdida hija fid-dmir li tmexxi lil min jinfetaħ għaliha biex tinbena "ċ-ċiviltà tal-imħabba" (§ 51). Strument effikaċi biex din iċ-ċiviltà tinbena tassew huma dawk li l-Papa laqqamhom bħala "komunitajiet bażiċi ekkleżjali".

Papa Wojtyla jikkummenta hekk dwarhom: ***"Fenominu li qiegħed dejjem jikber fil-knejjes żgħażagħ – wieħed li spiss huwa mħeġġeġ mill-Isqfijiet u l-Konferenzi tagħhom bħala prijorità pastorali – huwa dak 'tal-komunitajiet ekkleżjali bażiċi'. Dawn qiegħdin juru li huma Ċentri tajbin ta' formazzjoni Kristjana u missjunarja. Dawn huma gruppi ta' Nsara li, fil-livell ta' familja jew f'ambjent simili u ristrettiv, jiltaqgħu għat-talb, għall-qari tal-Iskrittura, għall-katekeżi u għad-diskussjoni dwar problemi umani u ekkleżjali b'viżjoni ta' mpenn komuni. Dawn il-komunitajiet huma sinjal tal-ħajja fil-Knisja, strument ta' formazzjoni u evanġelizzazzjoni u punt tat-tluq solidu għal soċjetà msejsa fuq 'iċ-ċiviltà tal-imħabba'"*** (§ 51).

Hawnhekk ta' min jistaqsi jekk iż-żoni pastorali fil-parroċċi tagħna humiex tassew Ċentri ta' formazzjoni Kristjana jew sempliċiment kappelli fejn issir l-Ewkaristija biss u xejn iżjed? Qiegħdin jinfetħu għal din ir-realtà importanti fit-tiġdid tal-Knisja jew saru bastjuni ta' reżistenza għaliex min ġie mitlub biex jieħu ħsiebhom għamilhom tiegħu għaliex jiddetta hu x'għandu jsir? Jekk inhu hekk għalfejn niskantaw li l-parroċċa tibqa' mejta spiritwalment? Mhux bilfors jekk il-pulmuni tagħha huma kkankrati? Mela x'jista' jsir biex iż-żona pastorali tieħu l-ħajja mill-ġdid ħa sservi ta' pulmun frisk u ħaj li bih in- nifs li jfejjaq ta' Ġesù Kristu fl-aħħar jibda' jinħass?

It-tieni aspett ta' din l-evanġelizzazzjoni l-ġdida hu li m'hijiex biss limitata għall-preżentazzjoni tal-messaġġ Evanġeliku, jiġifieri l-kerygma, iżda hija wkoll proċess inklussiv ta' Kristjanizzazzjoni.

Għalkemm għandha l-importanza tagħha t-tħabbira tal-Evanġelju hija sempliċiment l-ewwel pass. Tajjeb nirrikonoxxu li hija s-sies ta' proċess li jieħu l-ħajja kollha kemm hi. L-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida m'għandha qatt tiġi mneżża' minn aspetti oħra importanti li jfissruha b'mod sħiħ bħal istruzzjoni kateketika, id-duttrina morali u t-tagħlim soċjali tal-Knisja. Meta dan iseħħ il-komunità parrokkjali, kif imfissra f'dawn il-komunitajiet ekkleżjali, tispiċċa tiddgħajjef bil-bosta. L-għaliex dawk li huma imsieħba fi Kristu huma wkoll magħmula ħaġa mal-Ġisem tiegħu. Jiġifieri huma maqgħuda ma' Alla permezz tas-sagramenti u l-komunità ekkleżjali.

Issa din l-għaqda trid toħroġ ukoll fl-ispirtu ta' komunjoni li jeħtieġ li jsaltan f'dawn il-komunitajiet. Fir-Redemptoris Missio l-Beatu Wojtyla jfisser hekk: ***"Fihom (fil-komunitajiet ekkleżjali bażiċi), il-persuna Nisranija tesperjenza l-komunità u għalhekk hu jew hi jħossu li qiegħdin jagħtu sehemhom b'mod attiv u huma mħeġġa li jaqsmu fix-xogħol komuni. Għalhekk, dawn il-komunitajiet jsiru mezz ta' evanġelizzazzjoni u tixrid bikri tal-Evanġelju u għajn ta' ministeri ġodda. Fl-istess ħin, meta jiġu mimlija bl-imħabba ta' Kristu huma juru wkoll kemm il-firdiet, it-tribaliżmu u r-razziżmu jistgħu jiġu megħluba"*** (§ 51).

Jalla ż-żoni pastorali jkunu skejjel ta' komunjoni ekkleżjali parrokkjali. Ġaladarba l-ħuta minn rasha tinten jalla min imexxihom ikun umli biżżejjed li jkollu qalb ta' tifel ċkejken li jilqa' bil-ferħ il-kariżmi differenti tal-Ispirtu s-Santu u jikkordinahom llkoll flimkien. B'hekk l-għaqda vera ma' Ġesù Kristu tinkixef kemm mill-attitudni ta' min imexxihom u kif ukoll mill-frott spiritwali li jidher u li jinħass taż-żona pastorali li tkun. ■

# ROKNA GĦAT-TFAL

## AĦSEB U WIEĠEB

1. Qiegħed nara n-nies donnhom: siġar, arbli, ħmir. (Mk 8,24)
2. Xandar magħmudija ta' ndiema: Pietru, Pawlu, Ġwanni. (Lq 3,2-3)
3. It-tagħlim tiegħu hu: ta' ommi, ta' dak li nagħatni. (Ġw 7,16)
4. Rawlu wiċċu qisu ta': żagħżugħ, anġlu, xiħ. (Atti 6,15)
5. Il-ġradijiet kienu jixbhu lil: grillu, baħrija, żwiemel. (Apk 9,7)
6. Ġwanni l-Battista hu: Elija, Mosé, Eliżew. (Mt 11,14)
7. Qabeż Pietru u qallu: Inti Ġesù, l-Emmanuel, il-Messija. (Mk 8,29)
8. Leħen jgħajjat: fit-triq, fid-deżert, fil-baħar. (Lq 3,4)
9. Qegħdin tfittxu li: toqtluni, tfaħħruni, taqfluni. (Ġw 7,19)
10. Fejn mar joqgħod Abraham: Betlehem, Ħaran, Sardi. (Atti 7,4)

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.*

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

IR-REBBIEĦA T'APRIL 2013
**ELYSE FORMOSA – L-IMTARFA**

# TISLIBA - 123



1. Ir-raba' wara Adam. (Ġuda 14) **(5)**
2. Hawn għammar. (Ġw 1,14) **(6)**
3. Asa ħarigħom mad-deheb. (2 Kron 16,2) **(5)**
4. Dan jinġieb quddiem il-Mulej. (Lev 3,7) **(5)**
5. Id-dud huma oħti jew din. (Ġob 17,14) **(4)**
6. Xeħtu fih lil Ġona. (Ġona 1,15) **(5)**
7. Ġesù twieled fi żmienu. (Mt 2,1) **(5)**
8. Ġerusalem saret bħal din. (Lam 1,1) **(5)**
9. Hekk tiġi mit-tbatija. (Eż 2,7) **(3)**
10. Ta' qalbhom din. (Efes 4,18) **(7)**
11. u 12. Ħaqq mhux mill-mejtin biss. (2 Tim 4,1) **(3)**
13. Din tal-ġisem. (Lhud 9,13) **(6)**
14. Ħelisna minn din tad-dlam. (Kol 1,13) **(5)**
15. Dan jiġih ħelu. (Koħ 5,11) **(5)**
16. U ħa b'*mara tiegħu* lil Gomer. (Hos 1,3) **(5)**
17. Fehemtek… iebsa. (Eżek 3,9) **(5)**
18. Fejn kaxkruh ilsir. (Tob 1,10) **(7)**
19. Fejn kien jitla' Elkana. (1 Sam 1,3) **(4)**
20. …li hu, li kien, li ġej. (Apk 1,4) **(3)**
21. Ħallu li s-sabar ikollu din. (Ġak 1,4) **(5)**
22. Tkunx mgħaġġel biex… (Sir 6,7) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA T'APRIL 2013:**
***1. Ċedru; 2. Sittin; 3. Saħta; 4. Żjara; 5. Doni; 6. Artab; 7. Elija; 8. Jġorr; 9. Rat; 10. Tarbija; 11. u 12. Inkunu; 13. Niġbor; 14. Aħbar; 15. Barra; 16. Taraw; 17. Irdum; 18. Ħassada; 19. Sidi; 20. Ġir; 21. Aħdar; 22. Ażoti.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

IR-REBBIEĦ T'APRIL 2013
**VINCENT J. BARTOLO – IKLIN**

**Ir-rebbieħa taż-żewġ kompetizzjonijiet jekk jogħġobhom jġibru l-premju bejn id-9.00am u 11.30am u bejn il-5.00pm u s-7.00pm mill-Uffiċċju Missjoni, Kunvent Kapuċċini, Floriana. Tel: 2123 3874**



# Il-PELLEGRINAĠĠ TA' FRA BASKAL



Fit-22 ta' Ġunju ta' dik is-sena, mad- daqq tat-tmienja, Fra Baskal ħareġ mill-kunvent tal-Kapuċċini fit-triq ta' Malsalforn, Għawdex, u ħaffef l-isfel lejn passaġġ qalb ir-raba' mnejn qabad mixja lejn l-Għasri biex minn hemm ikompli triqtu lejn in-naħa t'isfel tal-għolja ta' Ġordan, fix-xaqliba faċċata ta' nżul ix-xemx.

Il-ħsieb tiegħu kien li jagħmel mixja ta' penitenza mill-għalqa ta' Karmni Ta' Pori. Karmni kienet taħsad iż-żara ma' ħutha, qabel telqet lejn id-dar biex tipprepara xi ħaġa tal-ikel għall-familja. Dan kien dakinhar li sejħitilha l-Madonna, kwart ta' seklu qabel, għall-ħabta tal-għaxra u nofs. Fra Baskal ried jiċċelebra l-anniversarju tal-ħamsa u għoxrin sena b'mixja iebsa lejn il-kappella, sewwa sew minn fejn kienet telqet Karmni. Veru li dan il-Kapuċċin kien iqaddes jum is-sejħa tal-Madonna Ta' Pinu kull sena, imma fis-sena ħamsa u għoxrin ried jagħmel xi sagrifiċċji speċjali.

Bħas-soltu beda l-jum bl-Ewkaristija. Bil-moħbi ta' Ħutu Franġiskani baqa' sajjem. Għamel xi qadi fil-kunvent u x'ħin deherlu li kien sar il-ħin talab il-permess u l-barka tal-Gwardjan. Biex juri li kien ajk fqajjar, tefa' fuqu l-ħorġa taċ-ċirka u bil-kuruna f'idu qabad il-passaġġ għall-Wied Sara, minn fejn kompla mat-triq tal-Għasri.

Meta wasal quddiem it-triq tar-raħal taż-Żebbuġ, b'rasu mgħaddsa mehdi fit-talb, inħasad għax sama' min jgħajjat: *"Baskal ... Baskal"*. Ħares mifxul lejn it-triq fuq il-lemin tiegħu u jara lil Dun Karm Cachia (qassis novel b'fama ta' ħajja qaddisa), ixxejjer idejh, ġej jgħaġġel lejh. *"Ara l-ħabib għażiż tiegħi, Dun Karm"*, għajjat Fra Baskal u waqt li għammillu sinjal biex ma jgħaġġel xejn, waqaf jistenna sakemm wasal il-qassis. *"Il-paċi miegħek Baskal"*, qallu jilgħeġ l-qassis. *"Paċi u ġid, Ħija Dun Karm"*, irrisponda bil-ħlewwa l-Kapuċċin. *"Isma, Ħija Baskal, qabel xejn la ssejjaħlix iżjed bid-Dun, aħna ħbieb tal-qalb, it-tnejn miż-Żebbuġ u naqblu ħafna dwar id-devozzjoni lejn il-Madonna"*. *"Speċjalment f'dan il-jum, Karm, la tridni nsejjaħlek hekk"*, kompla bi tbissima iben San Franġisk, *"u nista' nissoponi fejn sejjer għodu għodu."* *"U mhux fejn sejjer int, Baskal?"* Reġa' l-qassis. *"Mela ejja nimxu u nitolbu flimkien"*. *"Iva jingħad li tnejn jitolbu flimkien aħjar minn wieħed jitlob waħdu"*, wieġeb il-Fra. *"Imma ... imma"*, temtem Fra Baskal. *"Imma xiex, Baskal, għidli x'qed jinkwetak ... bejnietna m'hemmx ħabi"*, staqsa Dun Karm. *"Għax la trid taf, Karm, jien kelli ħsieb ta' ftit sagrifiċċju u ma mmurx dritt lejn Ta' Pinu ..."* u fehmu bil-ħsieb tal-mixja mill-għalqa ta' Karmni. *"He! x'idea qaddisa"*, għajjat l-ieħor, *"Dik l-Madonna lluminatek biha, niġi miegħek bil-qalb kollha għax għandi bżonn nagħmel ftit penitenza."* Hekk iż-żewġ devoti mxew b'pass ħafif 'il ġewwa mill-Għasri lejn in-naħa ta' Għammar mnejn qabdu t-trejqa ta' Wied il-Mielaħ. Wara xi għoxrin minuta mixi waqfu ħdejn għolja żgħira magħrufa bħala Ta' Kanġla. Qalbhom ħebrithom li kienu viċin l-għalqa li minnha riedu jibdew il-mixja. Waqfu jitolbu lil Madonna ddawwalhom dwar l-imbierka għalqa.

Il-Madonna wriet li tisma' t-talb tad-devoti ġenwini tagħha għax minnufih, f'dik il-ħemda, jisimgħu minn isejħilhom minn għalqa tliet egħlieqi 'l fuq mit-triq: *"Devoti tal-Madonna, din hi l-għalqa ta' Karmni."* ■

*(tkompli...)*



# *JUM IL-MISSJONI KAPUĊĊIN 2013*

SEGRETARJAT MISSJONI KAPUĊĊINI

Is-Segretarjat Missjoni Kapuċċini jistiednek għaċ-Ċelebrazzjoni ta' JUM IL-MISSJONI KAPUĊĊINI nhar il-Ħadd, 12 ta' Mejju 2013, fis-6pm, fil-knisja tal-Kapuċċini, il-Floriana. Imexxi ċ-Ċelebrazzjoni Mons. Pawlu Darmanin OFMCap, Isqof tad-Djoċesi ta' Garissa, il-Kenja.

Wara l-Quddiesa ikun hemm waqt soċjali fuq is-Sur tal-Kunvent.

## COFFEE MORNING U TOMBLA

B'RISQ IL-MISSJONI TAL-KAPUĊĊINI,
NHAR IL-ĦAMIS, 23 TA' MEJJU 2013,
F'THE PALACE - RAĦAL ĠDID